MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2007

Numru 989/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**William Agius**
**Andrew Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom William Agius ta’ 19-il sena bin David u Mary Agius nee’ Scicluna, mwieled Pieta fis-19ta’ Settembru 1986 u li joqghod ‘Morning Glory’ Triq il-Farfett tal-Fejgel, Zabbar. I.D.436186M

Andrew Formosa ta' 22 sena bin Joseph u Helen Formosa nee' Zammit mwieled Pieta fis-19ta' Lulju 1984 u li joqghod 'Id-Dar' Triq Moroni, Gzira.I.D. 356484M gew akkuzat talli fil-Marsa nhar it-30ta' Marzu 2006 ghal habta tas-2.00pm, ikkommettew serq ta' Hi Fi Equipment minn go vettura numru BUX-136 tal-marka Citroen ghad detriment ta' sidha, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 u bix-xorta tal-haga misruqa. Art. 263, 267 u 271 tal-Kap. 9.

Talli ukoll fl-istess data hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' aktar minn LM10 izda anqas minn LM50. Art 325(c) tal-Kap. 9.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. FM3 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu illi huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li fil-fehma tal-Prosekuzzjoni fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz ma jkunx opportun li l-imputat jinghataw piena karcerarja.

Rat fil-konfront tal-imputati l-artikoli 31, 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(a) u 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati William Agius u Andrew Formosa, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija, u li fil-fehma tal-Prosekuzzjoni fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz ma jkunx opportun li l-imputati jinghataw piena karcerarja u l-fedina penali tal-imsemmija imputati tillibera lill-istess imputati William Agius u Andrew Formosa taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati William Agius u Andrew Formosa l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------